# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 1 ta' Frar, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 988/2010/2 GM**

**Alexander u Patricia konjuġi Wright**

**v.**

**Francis Farrugia, Alan Farrugia u**
**Perit Tancred u Angela konjuġi Mifsud**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar tliet appelli mressqa mill-partijiet kollha minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' April, 2019 li permezz tagħha: (i) sabet illi l-konvenuti huma solidalment responsabbli għall-ħsarat imġarrba mill-konvenuti, b'konsegwenza tal-inċident tal-5 ta' Ottubru, 2008, li seħħ fil-fond numru 44, ġewwa Triq

Isouard, f'San Pawl il-Baħar, liema ħsarat jikkonsistu fid-diżabbiltà permanenti mġarrba mill-attriċi; (ii) illikwidat l-ammont ta' €7,734.20 bħala kumpens u kkundannat lill-konvenuti jħallsu dan l-ammont b'mod solidali bejniethom; u (iii) ikkundannat lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż tal-kawża u bl-imgħax jitlaq mid-data tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Frar, 2010 sad-data tal-ħlas effettiv.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-30 ta' Settembru, 2010, l-atturi jgħidu li nhar il-5 ta' Ottubru, 2008 huma weġġgħu b'mod gravi ġewwa l-fond numru 44, fi Triq Isouard, ġewwa San Pawl il-Baħar meta l-fond biswit tagħhom (li għandu n-numru 46/48) ċeda u waqgħet biċċa mis-saqaf tal-fond tagħhom. Ifissru li b'kaġun ta' dan l-inċident, l-attriċi ġarrbet ksur f'partijiet f'ġisimha, ċjoè f'sieqha l-leminija, filwaqt li l-attur kellu ġrieħi ħfief. Barra minn hekk jgħidu li huma ġarrbu ħsarat fil-fond tagħhom.

3. L-atturi jissoktaw jgħidu li dawn il-ħsarat huma konsegwenza ta' traskuraġni u xogħol ħażin tal-konvenuti u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tal-bini u liġijiet sanitarji. Jisħqu li tant dan huwa minnu, illi b'kaġun tax-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru fil-fond, ċjoè fil-pedament tal-fond proprjetà tal-konvenuti Farrugia (liema fond jinsab biswithom), ċeda u ġġarraf is-saqaf tal-fond tagħhom.

4. L-atturi jfissru li l-Perit konvenut kien il-Perit responsabbli għax-xogħlijiet imwettqa fil-fond tal-konvenuti Farrugia. Jgħidu li b'nuqqas ta' ħila, traskuraġni u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tal-bini u tal-liġijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar u tal-liġi ċivili, il-Perit konvenut ma ndukrax kif imiss ix-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru fil-fond 46/48, fi Triq Isouard, San Pawl il-Baħar u għalhekk huwa responsabbli solidalment mal-konvenuti Farrugia għad-danni mġarrba minnhom.

5. L-atturi jissoktaw jgħidu li Patricia Wright għandha diżabbiltà permanenti kif jirriżulta mill-perizja medika tas-sur Charles Grixti tat-30 ta' Ġunju, 2009.

6. L-atturi jgħidu wkoll li għalkemm sejħu lill-konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba minnhom permezz ta' ittra uffiċjali tal-24 ta' Frar, 2010, l-istess konvenuti baqgħu inadempjenti. Minħabba f'hekk, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1.Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati huwa solidalment responsabbli għall-ħsarat minnhom sofferti b'konsegwenza tal-inċident tal-5 ta' Ottubru, 2008, f'44, Isouard Street, San Pawl il-Baħar, meta l-fond adjaċenti 46/48, Triq Isouard, San Pawl il-Baħar, proprjetà tal-intimati Farrugia, ċeda u tkisser is-saqaf tal-fond tal-atturi b'konsegwenza illi mhux biss sofrew ħsarat fil-proprjetà tagħhom imma wkoll ħsarat fuq persunthom u għadhom qed isofru debilità permanenti u ħsarat oħra.*
> *2. Tillikwida l-ħsarat sofferti mill-atturi konsistenti mhux biss ħsarat fil-fond proprjetà tagħhom imma wkoll ħsarat fuq persunthom u ta' debilità permanenti, kif ukoll ħsarat oħra konsistenti f'telf ta' xogħol u spejjeż inkorsi mal-inċident inkwistjoni u affarijiet oħra li jiġu konstatati tul il-kors tal-kawża, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi.*

*3. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom biex iħallsu dawk il-ħsarat sofferti mill-atturi.*
*4 Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Frar, 2010 u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.»*

7. Il-konvenuti miżżewġin Mifsud wieġbu għal dan ir-rikors maħluf fit-3 ta' Novembru, 2010 u resqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1.Illi t-talbiet rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;*
*2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u kuntrarjament għal dak illi qed jiġi allegat fir-rikors ġuramentat, mhuwiex minnu illi sar xi xogħol da parti tal-esponenti b'nuqqas ta' ħila, traskuraġni u inosservanza tar-regolamenti tal-bini u tal-liġijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar u tal-Liġi Ċivili jew illi huwa ma ssorveljax kif kien imiss ix-xogħlijiet illi kienu qed isiru fil-fond 46/48, Isouard Street, San Pawl il-Baħar; anzi l-esponenti lanqas kien inkarigat bħala perit fiż-żmien meta sar it-twaqqigħ ta' dan il-fond u għalhekk bl-ebda mod ma kien fil-pożizzjoni illi jissorvelja dan ix-xogħol iżda se mai, tali xogħol kien sorveljat minn perit ieħor, kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u kopja tal-formola ffirmata li biha nbidel il-perit inkarigat mix-xogħlijiet;*
*3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu illi l-fond adjaċenti 46/48, Isouard Street, San Pawl il-Baħar ċeda kif qed jiġi allegat fir-rikors ġuramentat u dana kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
*4. Illi fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti għandhom iressqu prova dwar it-titolu tagħhom fuq il-fond fejn allegatament seħħew id-danni u tad-danni pretiżi minnhom;*
*5. Illi konsegwentement, l-esponenti m'għandhomx jiġu kkunsidrati jħallsu ebda danni, la dawk materjali relatati mal-binja u lanqas danni personali għall-allegata debilità permanenti li sofriet l-attriċi rikorrenti.*
*6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

8. Il-konvenuti Francis u Alan Farrugia wieġbu għal dan ir-rikors maħluf fil-15 ta' Diċembru, 2010 u resqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-atturi rikorrenti, u dan bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-eċċipjenti ma jaħtu bl-ebda mod għall-fatt illi ġġarraf parti mis-saqaf tal-fond 44, Triq Isouard, San Pawl il-Baħar, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
*2. Illi kuntrarjament għal dak li qed jiġi allegat mill-atturi rikorrenti, ix-xogħlijiet li ġew imwettqa fil-fond, ossia sit, numru 46/48, Isouard Street, San Pawl il-Baħar ġew imwettqa skont is-sengħa u l-arti in konformità mar-regolamenti kollha applikabbli għall-kostruzzjoni tal-bini; illi*

*għalhekk mhux minnu illi kien hemm traskuraġni jew xogħol ħażin waqt illi kien qed isir ix-xogħol ta' kostruzzjoni fil-fond proprjetà tal-eċċipjenti;*
*3. Illi jsegwi għalhekk illi l-eċċipjenti m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu għal ebda danni sofferti mill-atturi rikorrenti, in linea ta' danni personali, u lanqas bħala danni materjali li setgħu rriżultaw fil-fond inkwistjoni;*
*4. Illi fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, jeħtieġ li l-atturi rikorrenti jipprovaw għas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti l-interess ġuridiku tagħhom, ossia t-titolu ta' proprjetà tagħhom, sabiex validament jipproponu din l-azzjoni f'dak li jirrigwarda riżarċiment għal danni li rriżultaw fil-fond inkwistjoni;*
*5. Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, jeħtieġ li l-atturi rikorrenti jippruvaw għas-sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi huma, jew min minnhom, sofrew debilità permanenti konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża;*
*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.»*

9. B'sentenza mogħtija fil-15 ta' April, 2019, l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża b'dan il-mod:

*«1. Tiddikjara li l-intimati huwa solidalment responsabbli għall-ħsarat minnhom sofferti b'konsegwenza tal-inċident tal-5 ta' Ottubru, 2008, f'44, Isouard Street, San Pawl il-Baħar, meta l-fond adjaċenti 46/48, Triq Isouard, San Pawl il-Baħar, proprjetà tal-intimati Farrugia, ċeda u kisser is-saqaf tal-fond mikri lill-atturi li jikkonsistu fi ħsara fil-proprjetà u debilità permanenti fil-persuna tal-konvenuta (recte: attriċi) Patricia Wright;*

*2. Tillikwida l-ħsarat sofferti mill-atturi fis-somma ta' €7,734.20;*

*3. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom biex iħallsu s-somma ta' €7,734.20 hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Frar, 2010 u bl-imgħax mid-data tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Frar 2010 sad-data tal-eventwali ħlas.»*

10. Ir-raġunijiet li waslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*«Il-fatti:*

*Illi fil-qosor, il-fatti li taw lok għal din il-kawża huma dawn:*

*1. Il-konvenuti Farrugia huma inkwilini (u l-attriċi għandha sehem indiviż żgħir fi proprjetà) tal-fond 46/48 Triq Isouard, San Pawl il-Baħar li jiġi biswit il-fond 44 okkupat mill-atturi b'titolu ta' kiri.*
*2. Fit-28.03.2007, fuq inkariku tal-atturi, il-Perit Reuben Muscat ħareġ rapport li jiddeskrivi l-fond 44 bħala structurally sound. Waqt is-smigħ ta' din il-kawża ppreċiża li ma nnutax "problemi fix-xorok", għalkemm innota xi minor settlement.*
*3. Matul is-sajf tas-sena 2007 il-konvenuti waqqgħu l-post tagħhom u ħammlu xi tliet filati 'l isfel. Inkixef is-sottoswol li parti minnu huwa tafal.*
*4. F'Ġunju 2008, fuq inkariku tal-attur, il-Perit Anthony Stivala mar fuq il-post wara li t-twaqqigħ tal-post 46/48 kien lest, u skontu ma kienx hemm ħsarat għajr għal xi konsenturi żgħar li qal lill-attur li seta' jkaħħal. Ma tah l-ebda struzzjonijiet dwar it-tafal mikxuf.*
*5. 15 ta' Lulju 2008: il-konvenut Perit Tancred Mifsud jgħid li daħal fix-xena f'din id-data. Jikkonferma li tpoġġew piles fondi 8 metri f'distanza ta' madwar 10 piedi. Jgħid li kieku kellu jsir ċaqliq, dan kellu jsir fil-ħajt tal-appoġġ. Jgħid li ċ-ċediment tax-xorok ma jistax jiġi attribwit għall-iżvilupp għaliex ix-xorok kienu "jispanjaw minn ħajt traversali tal-boatyard għall-ħajt ta' wara tal-bitħa tal-attur u allura indipendentement mill-appoġġ.*
*6. Ġimgħa qabel l-inċident (li seħħ fil-05.10.2008) l-attur sab il-garaxx kollu konsenturi. Għarraf lill-konvenut u talbu biex iġib il-perit iżda dan m'għamel xejn*
*7. Fil-05.10.2008: l-attur tela' bil-pala u xkupa fuq il-bejt biex iħallbu, lesta r-ramel, siment u barmil bl-ilma u talab lil martu tqabbadlu l-ħabel bil-barmil. Kif lesta t-taħlib, martu qaltlu li kienet sejra tagħmel it-te. F'dak il-mument, ix-xorok li kien fuqhom l-attur sfrondaw u korrew lil martu li sadanittant kienet tinstab taħthom. In kontroeżami l-attur jgħid li fuq il-bejt tella' bramel ta' 10 litri u li kellhom ġebel żgħir;*

***Konstatazzjonijiet tal-periti tal-partijiet***

*Illi jirriżulta, kemm mir-rapport tal-Perit Tekniku, kif ukoll mir-rapport tal-perit Anthony Stivala mqabbad ex parte mill-atturi a tempo vergine wara l-inċident, illi saret ħsara mhux biss fl-appoġġ imma anke fil-ħitan paralleli mat-triq li fuqhom jistrieħ il-bejt tal-fond okkupat mill-atturi. Il-Perit Stivala jirrapporta li tlett ijiem wara l-inċident, marru fuq il-post l-attur, hu, u l-perit Tancred Mifsud, issa wieħed mill-konvenuti. Huwa kiteb hekk:*

> *«Perit Tancred Mifsud explained to Mr Alan Farrugia that, as a result of the exposure of the party wall in question together with its foundations, it had moved and this had resulted in the imposition of abnormal stress on the 'xorok' which gave way as soon as Mr Wright went up on the verandah roof.*
>
> *The undersigned is in agreement with this explanation, as borne out by the resultant cracks in the floor as well as in the walls. The fact that the buttressing effect of the third party building was removed when it was demolished, especially in the arched part of the verandah, was also, most probably, a contributing factor.»*

*Illi l-Perit Stivala kkonferma l-kontenut tar-rapport tiegħu meta xehed quddiem din il-Qorti. Jidher li d-diskors tal-perit Tancred Mifsud lil Alan Farrugia sar fil-preżenza tiegħu waqt l-aċċess għalkemm il-Perit Stivala ma jgħidx li Alan Farrugia kien preżenti. Fl-assenza ta' kjarifika ta' x'tassew ġara, il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq x'allegatament qal il-Perit Tancred Mifsud anke jekk din il-Qorti m'għandha l-ebda dubbju mill-veraċità tar-rapport tal-Perit Stivala. B'danakollu, il-Perit Stivala jasal għall-istess konklużjoni indipendentement minn x'seta' qal il-Perit Mifsud.*

***Konstatazzjonijiet tal-Perit Tekniku u eskussjoni***

*Il-Perit Tekniku sab li l-kawża tal-ħsarat li sofra l-fond tal-atturi kien il-kxif tal-ħajt diviżorju għal diversi ġimgħat, anke jekk almenu parti minnu kienet mibnija fuq it-tafal. B'danakollu, il-Perit Tekniku kkonkluda fir-rapport tiegħu li, «l-konvenuti m'għandhomx jinżammu responsabbli» għall-inċident konness mat-tiġrib tax-xorok. Ibbaża din il-konklużjoni fuq dawn ir-raġunijiet:*

> *(i) Ix-xorok kienu jinstabu 'l bogħod mill-appoġġ;*
> *(ii) Ix-xorok kienu jispjanaw fl-istess direzzjoni tal-appoġġ u allura mhux il-każ li jinstabu ngaljati fl-appoġġ li ċċaqlaq;*
> *(iii) It-toqba fis-saqaf tindika li x-xorok ċedew għaliex ma felħux għal piż ikkonċentrat tal-persuna tal-attur meta tela' fuq il-bejt biex iħallbu;*
> *(iv) Ix-xorok waqgħu "għax kellhom jaqgħu u mhux kawża tal-moviment tal-appoġġ";*

*In eskussjoni, il-Perit tenna li l-kollass kien minħabba l-piż ikkonċentrat u mhux derivanti minn stresses li akkumulaw maż-żmien. Iżda mbagħad ikkonċeda li, «jista' jkun hemm fattur kontributorju illi ċ-ċaqliq fix-xorok seta' kkontribwixxa però ma kkontribwewx biżżejjed għall-kwistjoni li għandna quddiemna.» Ikompli jgħid li sal-mument meta seħħet il-ħsara ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li s-saqaf tilef mill-integrità tiegħu inkwantu kapaċità materjali (jiġifieri kemm seta' jġorr piż fuqu) u allura hu ma setax jikkonstata nexus bejn iċ-ċaqliq tal-ħajt diviżorju u l-kapaċità materjali tas-saqaf. Min-naħa l-oħra, mingħajr il-piż ikkonċentrat, ix-xorok ma kinux jiġġarrfu. Il-Perit Tekniku qal li, «l-istruttura minn kif jidher mhux daqstant kienet mantnuta jiġifieri wieħed anke addirittura hemm għeruq fil-viċin eċċetra eċċetra.» Imbagħad kompla jgħid hekk: «Jiena ma neskludix li meta saru l-ħsarat, ċjoè meta saru x-xogħlijiet,… huwa dak il-forza, is-saħħa li wieħed irid jassigura bejn xorka u oħra għaliex l-iskema tax-xorok taħdem biex taħdem b'mod integrali wieħed irid u importanti li jinkulma bejn xorka u oħra biex allura din taħdem monolitiku. Jiena ma neskludix illi allura dik l-inkulmatura setgħet possibilment iddgħajfet jekk iċċaqlaq fl-ipotesi li l-ħajt iċċaqlaq.»*

*Illi din il-Qorti tinnota li filwaqt li l-perit Musumeci fir-rapport tiegħu mil-lat tekniku ma kkonstatax prova ta' ness bejn iċ-ċaqliq tal-ħajt tal-appoġġ u t-tigrif tax-xorok, meta ġie eskuss stqarr li seta' kien hemm rabta bejniethom li setgħet ikkontribwiet għat-tiġrif, għalkemm waħedha ma setgħetx twassal għalih. Il-Perit Tekniku jsostni li sab il-bejt fi stat*

*ittraskurat. Huwa iżda aċċeda fuq il-post seba' snin wara l-inċident, meta l-post kien abbandunat. Jirriżulta mill-provi li qabel l-inċident, il-bejt inkwistjoni kien iċċertifikat tajjeb kemm minn perit imqabbad mill-attur kif ukoll minn perit imqabbad mill-konvenut, anke jekk ma jirriżultax li sar xi eżami akkurat tax-xorok infushom. Jirriżulta wkoll li l-attur personalment kien jitla' regolarment fuq il-bejt biex iħallbu, u li t-tiġrif sar l-ewwel darba li tela' wara t-twaqqigħ tal-fond tal-konvenut Alan Farrugia;*

*Ikkunsdrat:*

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar il-konklużjoni tal-Perit Tekniku li l-konvenuti ma kinux il-kawża prossima tal-inċident***

*Illi tenut kont ta' dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul, ma tistax tasal għall-istess konklużjoni li wasal għaliha l-Perit Tekniku u ċjoè li ma ġiex ippruvat ness bejn il-ħsara fil-ħajt diviżorju u l-ħsara fix-xorok. Din il-Qorti hija konxja mill-prinċipju, segwit mill-ġurisprudenza tagħna, li m'għandhiex tiddiskosta ruħha minn konstatazzjonijiet tekniċi ta' espert imqabbad minnha stess. Madankollu, f'dan il-każ, in-nuqqas ta' qbil tal-Qorti qiegħed isir bla ma tpoġġi fl-iċken dubbju, anzi fl-istess waqt li tabbraċċja pjenament, il-konstatazzjonijiet tekniċi tiegħu, anke billi ċertament mhix kompetenti fil-qasam tal-inġinerija ċivili. Madankollu, ma taqbilx mad-deduzzjoni loġiko-ġuridika li l-għaref Perit Tekniku jislet mill-istess konstatazzjonijiet tekniċi. Stabbilit li l-attur kien qiegħed jitla' fuq il-bejt għall-enneżima volta biex jaħilbu – bl-unika differenza li tella', wieħed wieħed, barmil ta' għaxar litri mimli b'ġebel żgħir biex jimla' l-brikks tal-appoġġ il-ġdid – il-piż tiegħu, anke kif miżjud bi ftit ġebel, kien użu normali u anzi mistenni li wieħed jagħmel mill-bejt, u li żgur ma kellux iwassal għat-tiġrif tax-xorok jekk il-bejt baqa' fl-istess stat tas-snin ta' qabel. Fuq bażi ta' probabbiltà għalhekk, li kien hemm differenti dakinhar tal-inċident kien li x-xorok kienu minsusin biċ-ċaqliq tal-ħajt. Il-konstatazzjoni li ma kinux jiġġarrfu li kieku ma kienx għall-piż tal-attur ma jfissirx li m'hemmx ness ta' imputabilità legali bejn ix-xogħol tal-konvenuti u t-tiġrif tax-xorok;*

*Illi fi kliem Massimo Franzoni, «La parola responsabilità deriva dal tardo latino respondere… L'idea essenziale dei giuresconsulti di allora era di indicare la reazione ad un ordine o ad un equilibrio violato… Ai nostri fini, l'elemento caratteristico che si individua immediatamente e il collegamento stretto tra il concetto di responsabilità, inteso come fatto produttivo di obbligazione, e le conseguenza che si riflettono sul patrimonio di un soggetto»;*

*Illi fi kliem l-istess awtur, «La prova del rapporto di causalità fra una certa condotta e l'evento di danno spetta al danneggiato che nel fornirla non e sottoposto a particolari limitazioni, quindi può avvalersi anche delle presunzioni»;*

*Illi Franzoni jagħmel distinzjoni importanti bejn ir-ripartizzjoni tal-piż ta'*

*prova bejn l-element pożittiv u l-element negattiv fir-rapport ta' kawżalità fattwali: «Il rapporto di causalità di fatto si compone di un elemento positivo e di un elemento negativo. Quello positivo e dato dalla prova che un soggetto 'abbia posto in essere una condizione dell'evento, e cioè un antecedente senza del quale l'evento stesso non si sarebbe verificato. Il negativo è che il risultato non sia dovuto al concorso di fattori eccezionali'. L'onere della prova del primo grava sul danneggiato, mentre la prova del secondo incombe sul danneggiante che, assolvendolo, si libera dalla responsabilità. In mancanza di fatto impeditivo, ossia di fattore eccezzionali, la causalità sussiste. Questo procedure non consente di affermare che il rapporto di causalità si presume, per effetto della ripartizione dell'onere della prova. È proprio questo il punto: qui non si tratta di una inversione dell'onere della prova per effetto di una presunzione, bensì di diversa ripartizione dell'onere della prova. Il convenuto non deve necessariamene dimostrare il contrario rispetto a ciò che ha dedotto l'attore in giudizio, ma può dedurre una circostanza diversa (fortuita), dalla quale risulta che il rapporto eziologico si è interrotto. In tal caso l'oggetto della sua prova e diverso da quello dell'attore[1];*

*Illi applikat l-eżerċizzju suespost għall-każ preżenti, ġaladarba l-atturi ppruvaw il-fatt illeċitu da parti tal-konvenuti, li rriżulta fi ħsara fil-bini; kien imbagħad jinkombi fuq il-konvenuti li jippruvaw li s-sinistru ma seħħx kawża ta' din il-ħsara imma minħabba kawża esterna imprevedibbli jew fortuwita. Ma kien hemm xejn imprevedibbli jew fortuwitu, iżda, li l-attur jitla' fuq il-bejt biex iħallbu. Kien ukoll a kariku tal-konvenuti li jippruvaw li l-attur ikkawża, jew ikkontribwixxa, għall-inċident, per eżempju minħabba nuqqas ta' manutenzjoni tal-bejt, inkella billi għabbih b'piż straordinarju. Inkella li kien aċċident. Ħaġa li l-konvenuti naqsu milli jippruvaw;*

***Limiti tal-kontestazzjoni***

*Illi din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti li t-talba tal-atturi hija ċirkoskritta għad-danni talvolta kkawżati minħabba l-inċident tal-05.10.2008, anke jekk il-provi skonfinaw minn dawn il-parametri, u għalhekk il-Qorti ma tistax tqis danni oħrajn li ma seħħewx f'dik id-data partikolari. Dan għaliex «huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti ta' sentenza l-Imħallef Civili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni (**Kollez. XLIX.i.406**). Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni (**Kollez XXXIV.i.85**)»[2];*

***Atturi mhumiex sidien tal-fond fejn seħħet il-ħsara***

*Illi fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jissottomettu li l-atturi mhumiex sidien tal-fond li jokkupaw. Il-konvenuti m'għamlu l-ebda*

[1] *Op cit*, page 75.
[2] ***Grobett Holdings Limited v. Steve Abela*** 10.10.2005, Qorti tal-Appell, per Imħallef Philip Sciberras.

*eċċezzjoni f'dan is-sens*[3] *u għalhekk din is-sottomissjoni ukoll tmur lil hinn mil-limiti tal-kontroversja, hekk kif posta mir-rikors ġuramentat u mit-tweġiba maħlufa, li għandha tinkludi fiha, bħala regola, l-eċċezzjonijiet kollha. «What's good for the goose, is good for the gander.» Fi kwalunkwe każ, l-atturi esibew skrittura tal-kirja li turi li l-ispejjeż kollha konnessi mal-fond lilhom mikri kellu jkun a kariku tagħhom. Fil-prattika, iżda, dan hu kollu eżerċizzju akkademiku billi l-atturi ma kkwantifikawx il-ħsara li ġrat dakinhar tal-inċident, konsistenti fit-tiġrif tax-xorok;*

***Solidarjetà passiva***

*Illi anke hawn, il-konvenuti fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, issollevaw in-nuqqas ta' solidarjetà bejniethom, minkejja li m'għamlux eċċezzjoni f'dan is-sens fit-Tweġiba Maħlufa tagħhom. Il-Qorti għalhekk ma tistax tieħu konjizzjoni ta' dan il-kweżit. Anke kieku kellu tieħu konjizzjoni tiegħu, dan mhux sostenibbli. Il-konvenuti jiċċitaw l-**Artiklu 1049 tal-Kodiċi Ċivili**, li jimponi s-solidarjetà fil-każ ta' att doluż, u jgħidu li huma m'aġixxewx dolożament. Dan huwa minnu. Imma l-imsemmija dispożizzjoni mhix l-uniku fonti ta' solidarjetà passiva. Hemm ukoll, fost l-oħrajn l-**Artiklu 1050**, li timponi s-solidarjetà meta l-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita – kif inhu l-każ preżenti. Hekk iddeċidiet ukoll il-Qorti tal-Appell fil-konfront ta' perit u bennej*[4] *li kkawżaw il-mewt ta' ħaddiem li safa' mirdum meta sfrondaw is-soqfa ta' fond fejn kien qiegħed jaħdem;*

***Likwidazzjoni tad-danni***

*L-espert mediku Mr. Carmel Sciberras, maħtur mill-Qorti, iċċertifika diżabbiltà ta' 5% fil-persuna tal-konvenuta*[5]*;*

*Id-damnum emergens li jirriżulta ppruvat huwa ta' €909.20 (Dok AW7 sa AW 10);*

*Illi għal dak li hu lucrum cessans, fid-data tal-inċident, l-attriċi kellha 52 sena u kienet f'saħħitha. Illum għaddew iktar minn 10 snin. Billi hi mara tad-dar, tapplika l-paga minima. Il-Qorti sejra tieħu medda ta' 15-il sena, sal-età ta' 65 sena. €175 x 52 = €9,100 għal 15-il sena jiġu €136,000. 5% jammontaw għal €6,825.»*

11. B'sentenza finali mogħtija fil-15 ta' April, 2019, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża

*« 1. Tiddikjara li l-intimati huwa solidalment responsabbli għall-ħsarat*

[3] Risposta ġuramentata *a fol.* 44.
[4] ***Marianna Cini v. Paolo Galea*** 28.10.1958 Qorti tal-Appell Ċivili **Kollez Vol LXII.i.528**.
[5] *Fol*. 105.

*minnhom sofferti b'konsegwenza tal-inċident tal-5 t'Ottubru, 2008, f'44, Isouard Street, San Pawl il-Baħar, meta l-fond adjaċenti 46/48, Triq Isouard, San Pawl il-Baħar, proprjetà tal-intimati Farrugia, ċeda u kisser is-saqaf tal-fond mikri lill-atturi li jikkonsistu fi ħsara fil-proprjetà u debilità permanenti fil-persuna tal-konvenuta Patricia Wright;*
*2. Tillikwida l-ħsarat sofferti mill-atturi fis-somma ta' €7,734.20;*
*3. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom biex iħallsu s-somma ta' €7,734.20 hekk likwidata.*
*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Frar, 2010 u bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Frar 2010 sad-data tal-eventwali ħlas.»*

12. L-atturi miżżewġin Wright appellaw minn din is-sentenza finali b'rikors imressaq fit-2 ta' Mejju, 2019 b'aggravju waħdieni msejjes fuq in-nuqqas tal-Ewwel Qorti li ma kkundannatx lill-konvenuti jħallsuhom d-danni għall-ħsarat tal-fond. Fl-istess nifs, l-appellanti Wright talbu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tikkonferma s-sentenza fil-bqija tagħha.

13. Il-konvenuti Francis u Alan Farrugia appellaw ukoll minn din is-sentenza finali b'rikors imressaq fis-6 ta' Mejju, 2019 b'erba' aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tiddikjara li huma kienu responsabbli għall-inċident skont il-kawżali u t-talba kif miktuba, billi dak li ġie allegat kemm fil-kawżali tar-rikors maħluf u kif imniżżel fl-ewwel talba ta' natura dikjaratorja qatt ma seħħ; (ii) li mingħajr ħsara għall-ewwel aggravju tagħhom, huma ma kinux responsabbli għal dak li seħħ għaliex jgħidu li ladarba l-kawża hija dwar kwistjoni ta' natura teknika, l-Ewwel Qorti kellha toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku maħtur minnha; (iii) li l-likwidazzjoni tad-danni rappreżentanti *lucrum cessans* ma sarx skont il-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza fuq medda twila ta' snin, iżda sar b'mod arbitrarju għall-aħħar u mingħajr ebda ġustifikazzjoni, kemm għal

dak li huwa *multiplier*, kif ukoll għal dak li kienet il-paga minima fis-sena 2008 u fl-aħħar nett l-Ewwel Qorti ma naqqset ebda ammont bħala *lump sum payment*; u (iv) li l-imgħax għandu jitlaq mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tal-ittra uffiċjali.

14. Il-konvenuti miżżewġin Perit Tancred u Angela Mifsud appellaw huma wkoll minn din is-sentenza finali b'rikors imressaq fis-6 ta' Mejju, 2019 b'erba' aggravji li huma kważi l-istess bħal dawk imressqa mill-konvenuti Farrugia, b'differenzi żgħar sabiex jirriflettu ċ-ċirkostanzi tagħhom.

15. Il-konvenuti Farrugia u l-konvenuti Mifsud wieġbu għall-appell tal-miżżewġin Wright fl-24 ta' Mejju, 2019 u f'din it-tweġiba huma taw ir-raġunijiet tagħhom għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

16. L-atturi miżżewġin Wright wieġbu għall-appelli tal-konvenuti kollha fid-29 ta' Mejju, 2019 fi tweġiba waħda fejn fiha huma taw ir-raġunijiet għala l-appelli rispettivi tal-konvenuti għandhom jiġu miċħuda.

17. Inżamm smigħ fid-9 ta' Novembru 2023, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Din hija kawża dwar ħsara f'bini tal-atturi wara li sar twaqqigħ tal-fond biswitu; kif ukoll, dwar allegata diżabbiltà permanenti mġarrba mill-attriċi wara li ċeda s-saqaf tal-fond tal-atturi. Għaldaqstant din il-kawża hija, fost oħrajn, abbażi tal-**Artikoli 1031** u **1032 tal-Kodiċi Ċivili**.

19. Kif diġà rajna l-partijiet kollha ħassewhom aggravati b'xi mod jew ieħor mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

20. Din il-Qorti tqis li qabel tibda tisħarreġ l-aggravji mressqa mill-partijiet ikun ta' siwi li ssir referenza b'mod kronoloġiku għall-fatti kif ġraw:

- L-atturi miżżewġin Wright krew il-fond numru 44, fi Triq Isouard, ġewwa San Pawl il-Baħar mingħand Josephine Fenech (iz-zija tal-attriċi) permezz ta' skrittura (paġna 298 tal-proċess) tal-1 ta' Marzu, 2002 għall-perjodu ta' tletin sena, bil-kera ta' erbgħin lira Maltin fis-sena bil-quddiem. Ftehmu wkoll li kull spiża marbuta mar-remissa mikrija għandhom jitħallsu mill-inkwilini. Jirriżulta wkoll li l-attriċi għandha parti mill-wirt tal-aħwa Fenech.

- Il-fond biswit, numru 46/48, huwa proprjetà ta' Alan Farrugia.

- Fir-rapport tat-28 ta' Frar, 2007 (paġna 9 tal-proċess), il-Perit Reuben Muscat (imqabbad minn Alan Farrugia) jikteb li huwa mar jara l-fond tal-atturi sabiex jitħejja *condition report* peress li kien se jitwaqqa' l-fond proprjetà ta' Farrugia. Il-Perit Muscat irrelata dwar il-fondi li mar jara, inkluż il-fond tal-atturi li kienu, *«structurally sound and have no structural damage in the third party walls and ceilings, except for some minor cracks in the plastering to all the party walls.»*

- Fis-Sajf tas-sena 2007, tħammlu xi żewġ jew tliet filati 'l isfel u inkixef is-sottoswol li parti minnu huwa tafal.

- Il-Perit Muscat jixhed li sa Lulju 2007 meta sar it-twaqqigħ ma kienx hemm ilmenti. Fil-kontroeżami jgħid li l-ispezzjoni tal-fond kienet waħda viżwali u ma telax fuq il-bejt tal-*boathouse* tal-atturi għaliex ma kienx jidher li hemm problemi fix-xorok minn taħt.

- F'Ġunju tas-sena 2008, il-Perit Anthony Stivala, imqabbad mill-atturi mar fuq il-post wara li t-twaqqigħ tal-post 46/48 kien lest. Huwa ra l-konsenturi tal-ħajt diviżorju u t-tafal mikxuf.

- Il-15 ta' Lulju tas-sena 2008 hija d-data li l-Perit Tancred Mifsud isemmi bħala l-ġurnata li daħal fix-xena. Kien diġà sar it-twaqqigħ u l-iskavar kollu tas-sit tal-konvenuti l-oħra. Huwa xehed li ma ntużawx inġenji biex jitqatta' l-blat iżda ntużaw inġenji biex jitneħħa l-*consolidated material* u dan kien għoli ta' bejn żewġ u tliet filati. Intuża *piler* meta tħaffru l-*piles*. Ma ntużax l-appoġġ tal-bini biswit għal raġunijiet strutturali. Huwa kkonferma l-ħsarat kif jirriżultaw mir-ritratti tal-Perit Stivala. Fisser ukoll li, *«Is-saqaf tal-boathouse u wara l-boathouse kien hemm loġġja. Is-saqaf tal-loġġja u ċjoè dak li ġġarraf, huwa magħmul minn xorok tal-ġebel. L-ispanning tax-xorok tal-loġġja inkwistjoni ma jispanjax minn appoġġ għal appoġġ iżda jispjanaw minn ħajt diviżorju traversali tal-boatyard għal ħajt ta' wara tal-bitħa ta' Wright.»*

Ikompli jixhed li, *«Ix-xorok li fallew ma setgħu qatt ikunu ċedew kaġun tax-xogħol li kien taħt is-sorveljanza tiegħi, u dan peress li kieku saret ħsara kaġun tal-iżvilupp li kont qed nissorvelja jien, il-ħsara kellha sseħħ fis-saqaf tal-boathouse area għar-raġuni li kieku kellu jsir xi ċaqliq kien isir fil-ħajt tal-appoġġ. Il-ħajt traversali li jmiss mal-loġġja huwa indipendenti mill-ħajt tal-appoġġ u l-iżvilupp li kont qed nissorvelja jien ma seta' qatt idgħajjef dawn il-ħitan kieku waqgħet xi ħaġa fiżika fuq il-bejt tal-loġġja.»*

- Ħadd qabel l-inċident li seħħ fil-5 ta' Ottubru, 2008 l-attur mar il-garaxx u sabu kollu konsenturi u l-art maqsuma. Fi kliemu stess, *«Bżajt, għalaqt il-bieb»* u mar id-dar. Jgħid li ċempel lil Alan Farrugia u ftehmu li kellu jmur il-perit u ftehmu fuq ġurnata. Ma marx u l-attur ċempel lil Farrugia u l-għada Farrugia ċempillu u qallu li kien mar ma' missieru jaraw il-bejt u ried jitla' fuq sellum.

- Imbagħad fil-5 ta' Ottubru, 2008 l-atturi marru jiċċekkjaw x'kien sar fuq il-post u qalu li ma marrux u kollox kien baqa' kif kien. Tela' bis-sellum fuq il-bejt u ra li ma kien sar xejn. L-attur xehed, *«Inżilt, tellajt l-ixkupa u l-pala fuq il-bejt, lestejt ir-ramel, siment u barmil bl-ilma u lil mara għidtilha biex tqabbadli l-ħabel mal-barmil. Kif ħallibt il-bejt marti qaltli li se tagħmel ftit misħun biex tieħu ftit te, u f'dak il-ħin sfronda s-saqaf.»*

- Waqt il-kontroeżami, l-attur xehed li x-xogħlijiet damu fuq sena u nofs. Meta ġara l-inċident kien għadu kemm ingħata l-konkos tal-pedament. Bejn Ġunju u Ottubru ta' dik is-sena ma sarx tħaffir. Qal ukoll li f'Ġunju 2008, il-Perit Stivala kien qallu li m'hemmx periklu u li l-konsenturi seta' jkaħħalhom u fil-fatt il-konsenturi kaħħalhom. Ma tah ebda struzzjonijiet sabiex ikellem lil Farrugia dwar it-tafal mikxuf. Qal li bejn Ġunju u Ottubru 2008 daħal l-ilma tax-xita, iżda ma jiftakarx meta. Qal li fuq il-bejt li eventwalment iġġarraf, kien hemm ġurnata fejn tela'

b'diversi bramel tal-ġebel biex jimla l-uċuħ mikxufin. Ġimgħa qabel l-inċident mar fuq il-post u sab kullimkien konsenturi kbar fil-ħitan li jappoġġja ma' Farrugia u fl-art iżda ma kienx hemm konsenturi fil-ħajt appoġġjanti mat-terz. Għalaq il-bieb u telaq iċempel lill-konvenut Alan Farrugia. Jgħid li f'Settembru ta' dik is-sena ma ħallibx il-bejt. Il-bricks kien imlihom bil-ġebel imma ma kienx għadu ingħata l-konkos.

- L-attur fisser ukoll li dakinhar tal-inċident dam iħalleb il-bejt bir-ramel u s-siment madwar sagħtejn, u l-inċident seħħ kif spiċċa jħalleb. Ma żiedx il-materjal fuq ix-xorok. Il-bramel li tella' fuq il-bejt kienu bramel ta' għaxar litri u kellhom il-ġebel żgħir u tellagħhom wieħed wieħed. Fl-ebda ħin ma kien hemm numru ta' bramel u dan kien f'Awwissu u mhux dakinhar li ġara l-inċident.

- Il-Perit Anthony Stivala, imqabbad mill-attur, mar fuq is-sit fit-8 ta' Ottubru, 2008 fejn preżenti kien hemm ukoll il-Perit Tancred Mifsud u Alan Farrugia. Fir-rapport tiegħu tas-16 ta' Ottubru, 2008 (paġni 10 sa 18 tal-proċess) kiteb hekk:

> *«There were cracks in the floor of the garage and the second room, running approximately parallel to the party wall between the two properties and about a metre away from the said party wall. There were also various cracks in the said party wall along its length and in the internal walls which were parallel to the street as well as in the back wall of the verandah, which had an arched opening in part supporting the 'xorok' that gave way.*
>
> *The foundations of the said party wall, facing approximately north, must have been exposed to the weather for a considerable time. At the back of the third party site, corresponding to the toilet area in Mr Wright's backyard, there were no foundations below the common party wall and the clay sub-soil, on which the party wall was directly resting, was exposed.*
>
> *According to Mr Wright there were no cracks at all in his premises before the third party works started.*
>
> *Perit Tancred Mifsud explained to Mr Alan Farrugia that, as a result of the exposure of the party wall in question together with its foundations, it had moved and this had resulted in the imposition of abnormal stress on the 'xorok' which gave way as soon as Mr Wright went up on the verandah roof.*
>
> *The undersigned is in agreement with this explanation, as borne out by the resultant cracks in the floor as well as in the walls. The fact that the buttressing effect of the third party building was removed when it was demolished, especially in the arched part of the verandah, was also, most probably, a contributing factor.»*

- Il-Perit Stivala xehed[6] li meta mar fil-post tal-konvenut kien hemm tħaffir u ma jidhirlux li tħallew iż-żewġ piedi u nofs meta sar it-tħaffir. Ra

[6] Fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2012.

wkoll li ħafna mill-pedament kien tafli. Huwa kkonferma r-rapport tiegħu. Fl-opinjoni tiegħu, il-ħsarat li ġraw fil-fond tal-attur huma direttament imputabbli għax-xogħol li sar fil-fond tal-konvenuti Farrugia.

- L-espert maħtur mill-Ewwel Qorti biex jeżamina lill-attriċi, Mr Carmel Sciberras ikkonkluda li l-attriċi ġarrbet 5% diżabbiltà permanenti hekk kif imfisser fir-rapport tiegħu (paġni 103 sa 105 tal-proċess).

- Il-Perit Robert Musumeci ppreżenta r-rapport tiegħu nhar il-15 ta' Lulju, 2015 (paġni 116 sa 313 tal-proċess), maħluf fid-9 ta' Diċembru, 2015. Mir-rapport jirriżulta li huwa aċċeda fuq is-sit fit-18 ta' Diċembru, 2013. Huwa għamel il-konsiderazzjonijiet tekniċi li ġejjin:

> *«13. Jibda biex jiġi osservat li r-rapport tal-Perit Reuben Muscat li huwa rrilaxxa għan-nom tal-atturi nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu, 2007 jiddeskrivi l-fond 44 bħala 'structurally sound'. Jippreċiża in oltre li ma kienx hemm 'structural damage' u per altro m'osservax 'problemi fix-xorok' anke jekk huwa jgħid li kien innota 'minor settlement';*
> *14. Mill-kumpless tal-provi jirriżulta paċifiku li f'Lulju 2007 il-bini tal-konvenut kien ġa mwaqqa, u allura l-appoġġ u l-pedamenti min-naħa tal-konvenut kienu ġa esposti. Il-Perit Tancred Mifsud daħal fix-xena nhar il-15 ta' Lulju 2008. Fit-tmienja (8) ta' Ottubru 2009, l-imsemmi appoġġ min-naħa tal-konvenut kien għadu espost u dan kif juru r-ritratti annessi mar-rapport tal-Perit Stivala li rrilaxxa bid-data tas-16 ta' Ottubru 2008. Issa l-inċident seħħ nhar il-5 ta' Ottubru 2008 u allura 11-il ġurnata qabel il-Perit Stivala irrediġa r-rapport;*
> *15. Mill-premess isegwi li l-appoġġ (inkluż il-pedamenti sottostanti) tħallew 'esposti' min-naħa tal-fond tal-konvenut għal perjodu konsiderevoli qabel seħħ l-inċident (Lulju 2007 - Ottubru 2008). L-esponenti għalhekk jikkondividi dak li stqarr il-perit ex parte Anthony Stivala, u ċjoè li 't-tafal (fil-pedament) jinxef u jibda jċedi' u per konsegwenza 'l-appoġġ seta' mexa out of plumb peress li hemm konsenturi mal-art parallel mal-appoġġi';*
> *16. Dan aċċertat, isegwi li l-konsenturi identifikati fil-Ħajt Diviżorju Bejn il-Garaxx tal-Fond 44 u l-Fond 46, fil-Ħajt Traversali Bejn il-Garaxx tal-Fond 44 u l-Kamra ta' Wara l-Garaxx fil-Fond 44, fil-Kamra ta' Wara l-Garaxx fil-Fond 44, fl-Art tal-Garaxx u l-Kamra ta' Wara l-Garaxx fil-Fond 44, fil-Ħajt Traversali li Jifred it-Tieni Kamra ta' Wara l-Garaxx u l-Veranda fil-Fond 44, jistgħu jiġu attribwiti għaċ-ċaqliq fl-appoġġ. Il-ħsarat l-oħra identifikati, u ċjoè l-ispazju li nħoloq fl-appoġġ fil-ġnien tal-fond 44 u l-concrete slab tal-WC li nqatgħet mill-ħajt jistgħu wkoll jiġu attribwiti għall-istess ċaqliq fl-istruttura;*
> *17. Mill-banda l-oħra, il-perit esponenti huwa tal-umli opinjoni li x-xorok fis-saqaf tal-veranda tal-fond 44, u ċjoè l-lok fejn seħħ l-inċident, waqgħu għax 'kellhom jaqgħu' u mhux kawża tal-moviment fl-appoġġ. Dan qed jingħad għal diversi raġunijiet: Fl-ewwel lok, il-parti tas-saqaf li ċediet tinsab 'il bogħod mill-appoġġ. Fit-tieni lok, l-imsemmija xorok 'jispanjaw' fl-istess direzzjoni tal-appoġġ u allura mhux każ li dawn jinsabu ngaljati fl-imsemmi appoġġ li kien suġġett għall-moviment. Fit-tielet lok, il-'ħofra' fis-saqaf tindika li x-xorok ma felħux għal piż konċentrat. Dan għandu rilevanza aktar u aktar meta mix-xhieda jikkonsegwi li s-saqaf ċeda meta kien hemm il-piż tal-attur direttament*

> *fuq ix-xorok tal-istess saqaf filwaqt li kien qed iħalleb il-bejt, u dan kif jirriżulta mix-xhieda ta' PS 914 Ivan Mifsud fejn irrapporta dak li qallu Wright stess bil-ġurament: 'Fuq in-naħa ta' wara tal-bejt, <u>Alex Wright kien qed iħalleb il-bejt u sfronda bih.</u> Dan qaluli Alex Wright'.»*

21. Illi huwa opportun li din il-Qorti tistħarreġ l-<u>**ewwel żewġ aggravji tal-konvenuti**</u> fl-appelli rispettivi tagħhom, flimkien mal-<u>**aggravju waħdieni tal-atturi**</u> billi dawn jirkbu fuq xulxin.

22. Fl-ewwel aggravju tagħhom, kemm il-konvenuti Farrugia u kif ukoll il-miżżewġin Mifsud saħqu li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issibhom responsabbli tal-akkadut skont il-kawżali u l-istess talba kif magħmula mill-appellati, billi dak li ġie allegat, kemm fil-kawżali tar-rikors maħluf u kif imtenni fl-ewwel talba ta' natura dikjaratorja, qatt ma seħħ. Jgħidu illi għalkemm huma ressqu eċċezzjoni tagħhom f'dan is-sens, l-Ewwel Qorti injoratha u lanqas biss stħarrġitha u l-atturi ma talbu l-ebda korrezzjoni.

23. Huwa prinċipju magħruf li fl-għoti tas-sentenza f'kawża l-ġudikant għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni, b'mod illi filwaqt li hu obbligat jokkupa ruħu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-ġudizzju mill-partijiet; min-naħa l-oħra ma jistax jitratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx għad-deċiżjoni tiegħu. Dan dejjem ħief meta jkun hemm kwistjoni ta' ordni pubbliku, fejn allura l-ġudikant hu obbligat li jirrilevaha *ex officio* (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Novembru, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Giovanna Pace v. Kummissarju tal-Pulizija et)***.

24. Din il-Qorti ma tqisx li dan l-aggravju huwa siewi. Filwaqt li ma tlumx lill-konvenuti għalkollox billi r-rikors maħluf seta' nkiteb ferm aħjar, iżda minkejja dan, huwa ovvju dak li l-atturi qegħdin jippremettu u jitolbu. Id-data tal-5 ta' Ottubru, 2008 hija d-data meta seħħ l-inċident, però l-premessa hija li dan l-inċident kien il-qofol tal-ħsara li ġarrab il-fond mikri għand l-atturi u li b'konsegwenza weġġħet l-attriċi. Fil-fatt mit-tieni premessa joħroġ ċar li l-ħsarat li wasslu sabiex iċedi s-saqaf tal-fond tagħhom kienu riżultat ta' traskuraġni, xogħol ħażin tal-konvenuti u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tal-bini u liġijiet sanitarji, tant illi bix-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru fil-fond ċjoè fil-pedament (li kif ħareġ mill-provi dawn ix-xogħlijiet saru xhur qabel id-data tal-5 ta' Ottubru, 2008) ċeda u nkiser is-saqaf tal-fond proprjetà tal-atturi. Dan ġie rifless fl-ewwel talba tagħhom. Mad-daqqa t'għajn wieħed jifhem dak li qegħdin jippruvaw jgħidu l-konvenuti, iżda meta l-ewwel talba tar-rikors maħluf tinqara fid-dawl tal-premessi huwa ovvju dak li l-atturi qegħdin isostnu.

25. Għalhekk lil hemm mill-fatt jekk dak allegat mill-atturi huwiex minnu jew le ma jistax jitqies li hemm kawżali u talba ħażina. Dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud billi mhux siewi.

26. Induru issa għat-**tieni aggravju** tal-konvenuti kollha. L-appellanti Farrugia u Mifsud jgħidu li l-kwistjoni kollha hija ta' natura teknika tant li l-

Ewwel Qorti kienet ħatret Perit Tekniku. Jgħidu li għalkemm il-Perit Tekniku kkonkluda li l-konvenuti m'għandhomx jinżammu responsabbli għall-inċident konness mal-waqa' tax-xorok fil-veranda tal-fond, l-Ewwel Qorti mingħajr ġustifikazzjoni warrbet din il-konklużjoni u tat aktar piż lil dak li ntqal mill-perit *ex parte*. Jirreferu wkoll għal dak li xehed fl-eskussjoni l-Perit Tekniku. Jissoktaw jgħidu li l-Ewwel Qorti kienet obbligata tadotta l-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku maħtur minnha billi l-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet tiegħu kienu ta' natura teknika u ma kien hemm ebda raġuni teknika għaliex dawn kellhom jiġu mwarrba. Anzi, jirriżulta mill-provi mressqa mill-atturi li parti mis-saqaf ċeda proprju eżatt bil-piż tal-attur billi l-bqija tas-saqaf baqa' intatt. Jirriżulta wkoll illi s-saqaf lanqas ma kien qiegħed jistrieħ fuq il-ħajt tal-appoġġ li jaqsam ż-żewġ proprjetajiet, iżda fuq il-ħitan tal-faċċati tal-proprjetà tal-appellati stess. Għalhekk jgħidu li anke fl-ipotesi illi ddgħajjef il-ħajt diviżorju (ħaġa li ma rriżultatx), is-saqaf ma kienx qiegħed iżomm fuqu iżda fuq il-ħitan l-oħra.

27. Huwa minnu dak li jgħidu l-atturi, li bil-liġi skont l-**Artikolu 681 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-Qorti mhijiex marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti ġudizzjarji kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha. Madankollu, ladarba l-fehmiet tal-esperti tekniċi huma meqjusa bħala aċċertament ta' fatti, allura biex il-Qorti tkun tista' titbiegħed minnhom, jeħtieġ illi jkun hemm raġunijiet serji u validi biżżejjed (ara ***Paul Lungaro v. Salvino Lungaro*** deċiża mill-Qorti tal-

Appell fis-26 ta' Mejju, 2021 u ***Carmel sive Charles Gatt et v. Joseph Stagno*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2021).

28. Tassew, Qorti ma tistax tkun tant prużuntuża illi tmur kontra l-opinjoni teknika tal-esperti tagħha, meta tali opinjoni ma tkunx ġiet raġonevolment megħluba bi provi oħra konvinċenti (ara ***Benjamin Camilleri noe v. Charles Debattista et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2001). Dan għaliex, f'qasam tekniku jew speċjalizzat, l-Imħallef ma jkollux dak l-għarfien tas-suġġett jew ħila prattika biex minn rajh jasal għal fehma li ma tkunx gwidata minn fehma teknika ta' espert fil-qasam (ara ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021 u ***Geswalda Caruana v. Francis Xerri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2014).

29. Illi meta nduru għall-każ tagħna, il-Perit Tekniku maħtur mill-Ewwel Qorti kkonkluda li għalkemm kien hemm ħsarat li ġraw kaġun tax-xogħlijiet li twettqu fil-fond biswit dak tal-atturi, proprjetà tal-konvenuti Farrugia, madankollu meta ċeda s-saqaf tal-loġġja fil-5 ta' Ottubru, 2008 il-kaġun ma kinux ix-xogħlijiet. Fir-rapport tiegħu, il-Perit Tekniku ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn wasal għal din il-konklużjoni, liema raġunijiet ġew riprodotti aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

30. Mhux hekk biss. Fis-seduta tad-19 ta' April 2016, il-Perit Tekniku

tressaq mill-atturi bħala xhud biex issirlu l-eskussjoni. Għall-mistoqsija jekk iċ-ċaqliq fil-ħajt diviżorju kellux effett fuq ix-xorok tal-veranda huwa wieġeb hekk: *«jien ma neskludix li kellu xi effetti sekondarji però dak illi ġara u ċjoè illi l-kollass kien dovut, kif tispjega, l-concentrated load li kienet allura istantanja u mhux derivanti minn xi stresses illi akkumulaw maż-żmien u allura ma naqbilx illi ċ-ċaqliq fil-ħajt diviżorju kellu effett fuq id-danni li ġew, ċjoè fuq il-ħsarat li ġew subiti fix-xorok inkwistjoni. Dwar is-seba' domanda ... jekk iċ-ċaqliq fil-ħajt diviżorju qed nifhem żiedx l-istress li kienu qed jissapportjaw ix-xorok jew naqqas l-istabbilità tagħhom jiena ma neskludix jiġifieri jista' jkun hemm fattur kontributorju illi ċ-ċaqliq fix-xorok seta' kkontribwixxa però ma kkontribwixxix biżżejjed għal kwistjoni li għandna quddiemna.»*

31. Illi jirriżulta li l-atturi ma talbux għall-ħatra ta' periti addizzjonali lanqas. Huma ppreżentaw rapport tal-perit *ex parte*, il-Perit Anthony Stivala, li jsemmi li sema' lill-Perit Mifsud jgħid lil Alan Farrugia li l-kawża taċ-ċediment tas-saqaf kienet il-pedamenti mikxufa, kien hemm ċaqliq u dan wassal għal togħbija mhux normali fuq ix-xorok li ċedew, hekk kif l-attur tela' fuq is-saqaf. Il-Perit Stivala huwa ta' din il-fehma. Biss però hekk kif qalet l-Ewwel Qorti fin-nuqqas ta' kjarifika ta' x'tassew seħħ f'din il-konversazzjoni din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuqha. Mod ieħor, meta l-Perit Tancred Mifsud ta deskrizzjoni għalkollox differenti u sostna li ma setgħux kienu x-xogħlijiet li kkawżaw l-inċident.

32. Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti m'għamlitx sew li warrbet il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku. Mill-atti ma jirriżultax li tressqu provi biżżejjed sabiex iġiegħlu lil din il-Qorti twarrab l-opinjoni teknika. L-Ewwel Qorti qalet li meta l-Perit Tekniku kkummenta li l-istruttura ma kinitx daqstant miżmuma, dan kien aċċeda fil-fond seba' snin wara u li rriżulta mill-provi li l-bejt kien iċċertifikat tajjeb u li l-attur kien jitla' regolarment biex iħalleb il-bejt, u li l-Perit Tekniku fl-eskussjoni kkonċeda li seta' kien hemm kontributorjetà biċ-ċaqliq.

33. Fuq dan, din il-Qorti tibda billi tgħid li huwa veru li l-Perit Tekniku mar ħames snin wara l-inċident. Madankollu huwa minnu wkoll li l-ebda perit *ex parte* ma kien tela' fuq il-bejt; u għalkemm jingħad li l-attur kien jitla' regolarment biex iħalleb il-bejt (jekk dan huwa minnu), dan ma jfissirx li s-saqaf ma setax jisfronda minħabba l-piż tiegħu. Fuq kollox, il-Perit Tekniku baqa' jgħid li x-xogħlijiet li saru fil-post tal-konvenut Farrugia ma kinux il-kawża li wasslet għall-inċident tal-5 ta' Ottubru, 2008. Għalhekk din il-Qorti tqis li l-grad tal-prova li s-saqaf iġġarraf minħabba x-xogħlijiet li saru fil-post tal-konvenut ma ntlaħaqx. Tassew il-provi mressqa fl-atti huma sajma minn ness bejn iċ-ċaqliq tal-ħajt u t-tiġrif tas-saqaf.

34. Għalhekk it-tieni aggravju tal-konvenuti se jintlaqa' u b'hekk jiġi li l-konvenuti mhux se jinstabu responsabbli għaċ-ċediment tas-saqaf u

konsegwentement tad-danni mġarrba mill-attriċi bħala riżultat ta' dan it-tiġrif. Ladarba qiegħed jintlaqa' t-tieni aggravju ma fadalx il-ħtieġa li din il-Qorti tistħarreġ it-tielet aggravju tal-konvenuti li kien dwar il-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* tal-attriċi Patricia Wright li saret mill-Ewwel Qorti.

35. Inkomplu billi nistħarrġu l-**aggravju tal-atturi** dwar in-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tillikwida d-danni għall-ħsarat fil-fond.

36. Il-konvenuti jilqgħu għal dan l-aggravju billi jsostnu, li l-mod ta' kif inhi impustata t-talba fir-rikors maħluf, huma ma jistgħux jinstabu responsabbli għall-ebda ħsara. Jisħqu li l-Ewwel Qorti kellha toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku. Jgħidu wkoll li ladarba l-atturi appellanti mhumiex il-proprjetarji tal-fond, kwalunkwe riżarċiment għad-danni huwa jedd tas-sidien tal-fond. Iżidu li qatt ma kellhom jinstabu responsabbli għall-ħsara *in solidum*.

37. Kif rajna, il-Perit Tekniku kkonkluda li l-fond tal-atturi ġarrab ħsarat kaġun tax-xogħlijiet. Semmihom fir-rapport tiegħu u ta indikazzjoni tal-ispiża biex dawn it-tiswijiet jitwettqu. Huwa semma fil-paragrafu numru 4 (4.1 sa 4.4, f'paġni 177 u 178 tal-proċess) il-ħsarat li l-konvenuti għandhom jinstabu responsabbli għalihom u li l-ammont totali għat-tiswijiet huwa ta' €2,700 (inkluż il-VAT).

38. Illi kif għedna l-konvenuti fit-tweġiba tagħhom għall-appell, apparti li jiċħdu r-responsabbiltà tagħhom, jgħidu li din il-pretensjoni tal-atturi ma tidħolx fil-limiti tar-rikors maħluf. L-Ewwel Qorti qablet ma' dan l-argument u qalet li t-talba tal-atturi hija ċirkoskritta għad-danni kkawżati minħabba l-inċident tal-5 ta' Ottubru, 2008.

39. Din il-Qorti meta qieset l-ewwel aggravju tal-konvenuti diġà qalet li għalkemm ir-rikors maħluf huwa miktub b'mod li kif jgħidu t-Taljani, *lascia molto a desiderare*, però meta jinqraw il-premessi mat-talbiet sew, il-Qorti tqis li ma tkunx qiegħda twettaq ġustizzja jekk ma tqisx li anke l-ħsarat li semma l-Perit Tekniku huma fil-parametri tat-talbiet attriċi. Id-data tal-5 ta' Ottubru, 2008 kienet il-qofol ta' kollox għall-atturi iżda huwa ovvju li l-atturi qegħdin isostnu li x-xogħlijiet li saru fix-xhur ta' qabel din id-data, inkluż ukoll li ma nżammitx id-distanza skont il-liġi, wassal għall-ħsarat.

40. Kif rajna, din il-Qorti laqgħet l-aggravju tal-konvenuti li ma għandhomx jinżammu responsabbli għaċ-ċediment tas-saqaf, iżda mhux l-istess jista' jingħad għall-ħsarat l-oħra. Il-konvenuti sostnew li l-Ewwel Qorti għamlet ħażin meta warrbet il-konklużjoni tal-Perit Tekniku billi ma tressqet l-ebda raġuni gravi li kellha twassal għal dan. Din il-Qorti qieset li kellhom raġun jgħidu hekk. Bl-istess raġunament però din il-Qorti tqis li għandha toqgħod fuq il-konklużjoni tal-Perit Tekniku dwar il-ħsarat li ġarrab il-fond, hekk kif imsemmi aktar 'il fuq.

41. Il-konvenuti iżda jargumentaw li l-atturi m'għandhomx jedd li jirċievu xi ħlas għaliex huma biss kerrejja tal-fond. L-Ewwel Qorti qalet sew li l-konvenuti ma ressqux eċċezzjoni f'dan is-sens u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol aktar f'din il-kwistjoni. Jingħad biss għall-kompletezza li l-konvenuti ma kinux jingħataw raġun anke kieku stess qajmu din l-eċċezzjoni. Ibda biex, jirriżulta mill-iskrittura tal-kirja, li l-ispejjeż marbuta maż-żamma tal-fond kien jaqa' fuq l-atturi. Barra minn hekk, anke legalment il-kerrej għandu bosta obbligi lejn sid il-kera sabiex il-fond mikri jinżamm fi stat ta' manutenzjoni tajba u jintraddu lura fi stat tajjeb. Rilevanti wkoll dak imsemmi fl-**Artikolu 1550 tal-Kodiċi Ċivili** li jintitola lill-kerrej jieħu proċeduri kontra terzi għall-molestji li dawn jikkaġunawlu fit-tgawdija tal-fond. M'hemmx dubju li l-atturi fil-kapaċità tagħhom ta' kerrejja għandhom kull interess li jitolbu l-ħlas tad-danni biex isewwu l-ħsarat li ġew ikkaġunati mill-konvenuti, sabiex b'hekk l-istess atturi jkunu jistgħu jgawdu l-post mikri lilhom bi sħiħ.

42. B'żieda ma' dan ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***George Bonnici nomine v. Anthony Diacono*** nomine deċiża fil-21 ta' Ottubru, 2008,

> *«Min, f'ċirkustanzi kontinġenti, jkollu l-użu materjali ta' fond u dan, indipendentement minn kull dritt, reali jew personali fuq dak il-fond, u indipendentement minn kwalsiasi titolu, xorta waħda jibqalu l-jedd li jikkonsegwi d-danni patrimonjali li talvolta jissubixxi minn event ta' ħsarat li jkun ikkrejat min-negliġenza jew it-traskuraġni ta' min kien fid-dover li jassikura li dik il-ħsara ma tiġrix. Il-fonti ta' din ir-responsabbiltà mhux bilfors tiġi riċerkata minn rapport kuntrattwali għax jista' jkun, kif*

*jidher li hu l-każ hawnhekk, illi tali responsabbiltà tiġi estratta minn kondotta omissiva ta' dak l-obbligu ġuridiku li r-rapport partikulari jew il-qagħda speċifika bejn it-titolari tal-interess li jkun lеż u s-soġġett imsejjaħ biex iwieġeb għall-leżjoni, kien hekk jesiġi.»*

43. Imiss issa li titqies il-kwistjoni ta' min mill-konvenuti għandu jinsab responsabbli għal dawn il-ħsarat. M'hemmx dubju li l-konvenuti Farrugia għandhom iġorru responsabbiltà billi huma s-sidien tas-sit illi twaqqa', fejn tħallew il-pedamenti mikxufa għal xhur twal u fejn ma nżammitx id-distanza legali meta sar it-twaqqigħ.

44. Fuq ix-xaqliba l-oħra dwar il-konvenut Perit Mifsud u martu hemm konsiderazzjonijiet differenti. Fit-tweġiba tagħhom għall-appell tal-atturi, jgħidu li għalkemm il-Perit tħarrek fil-vesti tiegħu u ta' perit arkitett, martu tħarrket għalxejn għaliex ma kellha ebda konnessjoni mal-inċident inkwistjoni.

45. Illi n-nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva ta' Angela Mifsud ma tqajmitx bħala eċċezzjoni fir-risposta maħlufa. Għalhekk ladarba din hija kwistjoni ġdida li tqajmet biss fl-istadju tal-appell quddiem din il-Qorti, din mhijiex se tiġi kkunsidrata.

46. Għal dak li huwa l-Perit konvenut mhux kontestat, la mill-atturi u lanqas mill-konvenuti Farrugia, li huwa daħal responsabbli għas-sit fil-15 ta' Lulju, 2008, meta x-xogħlijiet ta' twaqqigħ u skavar kienu diġà saru u

l-pedamenti kienu tħallew mikxufa għal xhur sħaħ. Fuq kollox irriżulta li bejn Ġunju u Ottubru 2008 ma kinux saru xogħlijiet. Lanqas appoġġ mal-bini tal-atturi ma kien hemm, però rriżulta wkoll li dakinhar tal-inċident l-appoġġ min-naħa tal-konvenuti kien għadu mikxuf. Billi mill-konklużjoni tal-Perit Tekniku rriżulta li l-kawża tal-ħsarat kienet minħabba li l-appoġġ (inkluż il-pedamenti sottostanti) tħallew mikxufa min-naħa tal-fond tal-konvenuti għal perjodu twil bejn Lulju 2007 u Ottubru 2008, jidher għalhekk li x'aktarx iva milli le, meta l-Perit Mifsud ħa l-inkarigu mingħand il-konvenuti Farrugia fil-15 ta' Lulju, 2008 ħafna mill-ħsara kienet saret. Biss però, il-Perit Mifsud naqas milli jagħti ordnijiet lill-konvenuti sabiex jgħattu l-pedamenti. Ladarba ħa r-responsabbiltà tas-sit kellu jagħmel ċert li l-bini biswit ma jġarrabx ħsarat. Huwa veru li ma jirriżultax li l-atturi kienu kellmuh dwar il-konsenturi qabel l-inċident, għaliex l-attur kien ikellem lil Alan Farrugia, iżda din ma kinitx kwistjoni li ma setax jaraha b'għajnejh. Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur, f'Ġunju 2008 kien hemm diġà konsenturi. F'Awwissu u Settembru 2008 daħal l-ilma mill-*bricks* u l-Ħadd qabel l-inċident sab konsenturi u l-art maqsuma.

47. L-Ewwel Qorti sabet lill-konvenuti kollha responsabbli solidalment billi rreferiet għall-**Artikolu 1050 tal-Kodiċi Ċivili**. Din il-Qorti ma tqisx li l-Perit konvenut għandu jinsab solidalment responsabbli mal-konvenuti Farrugia. Ġie mtenni fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tad-9 ta' Frar, 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mifsud v.***

***Sparkasse Bank Malta plc:*** *« B'osservazzjoni ġenerali jrid jingħad li dan id-dispost hu intiż b'referenza għall-ipotesi fejn id-dannu medesimu jkun il-konsegwenza ta' diversi atti minn diversi persuni responsabbli, anke jekk indipendentement minn xulxin, imma li flimkien jikkonkorru għall-produzzjoni tad-dannu. Jidher li l-iskop fundamentali wara dan il-provvediment hu dak li jsaħħaħ il-garanzija tad-danneġġat billi takkordalu l-fakultà li l-azzjoni lil kull wieħed mis-suġġetti responsabbli mingħajr il-ħtieġa li jippersegwixxi lil kull wieħed għal kwota tiegħu tal-ħtija. In-norma hi applikabbli wkoll fil-każ li l-ko-awturi tad-dannu jwieġbu skont titoli diversi u, ċertament, imbagħad, fil-każ li ma jkunx jista' jiġi aċċertat, bħal f'dan il-każ, min ikun effettivament ta lok għad-dannu. Jikkonsegwi illi għall-fini tar-responsabbiltà solidali l-uniċità tal-fatt dannuż hi relattiva unikament għad-danneġġjat u din il-forma ta' responsabiltà sseħħ, "meta l-Qorti tkun fl-impossibilità li tirrikonoxxi f' liema miżura kull wieħed mill-konvenuti pparteċipa fl-effettwazzjoni tal-fatt dannuż" (***Kollez. Vol. XLIX P II p 703; Vol. XXXIV P II p 518*).»*

48. Fil-każ tagħna jidher li l-kaġun tal-ħsara kien il-fatt li l-appoġġ u l-pedamenti tħallew mikxufin min-naħa tal-fond tal-atturi għal aktar minn sena. Għalhekk huwa l-mogħdija taż-żmien u n-nuqqas ta' azzjoni li wasslet għall-ħsara. Il-Perit Mifsud daħal fl-istorja tliet xhur biss qabel l-inċident iżda l-piż li jaqa' fuqu bħala professjonist ma jistax jitwarrab. Ir-rwol ta' Perit huwa tant importanti f'ċirkostazzjoni bħal dak tal-lum u huwa

mistenni minn kull Perit li f'xogħlu jġib ruħu b'diliġenza liema bħalha. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-konvenut Perit Mifsud jaħti wkoll għal dak li seħħ. Din il-Qorti tqis li jkun ġust li l-konvenuti Farrugia jġorru 70% mir-responsabbiltà, filwaqt li l-konvenuti l-oħra 30%.

49. Għalhekk l-aggravju tal-atturi qiegħed jintlaqa'.

50. Fl-aħħar nett, l-**aħħar aggravju** tal-konvenuti huwa li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ordnat li l-imgħax kellu jitlaq mid-data tal-ittra uffiċjali billi t-talba kienet għal ammont li ried jiġi likwidat.

51. Illi għalkemm din il-Qorti laqgħet l-aggravju tal-konvenuti appellanti dwar id-danni likwidati favur l-attriċi u għalhekk m'għandux aktar rilevanza, minkejja dan issa se tordna lill-konvenuti jagħmlu tajjeb għall-ħsarat li ġarrbu fil-post. Fiċ-ċirkostanzi ladarba l-ammont ta' €2,700 bħala danni għat-tiswija tal-post qed jiġi likwidat għall-ewwel darba permezz ta' din is-sentenza, huwa xieraq li l-imgħax għandu jitlaq mid-data tas-sentenza mogħtija llum.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda, (i) fl-ewwel lok, **<u>tilqa</u>'** f'parti minnu l-appelli tal-konvenuti Farrugia u tal-konvenuti Mifsud u b'hekk tħassar is-sentenza appellata sa fejn dawn il-konvenuti ġew

miżmuma responsabbli li ħolqu debilità permanenti fil-persuna tal-attriċi Patricia Wright u sa fejn huma ġew ikkundannati jħallsu lill-atturi s-somma ta' sebat elef, seba' mija u erbgħa u tletin ewro u għoxrin ċenteżmu (€7,734.20) u dan peress li skont ir-rapport tal-Perit Tekniku nstab li l-konvenuti ma kinux jaħtu għat-tiġrif tas-saqaf tal-post mikri lill-atturi; u (ii) fit-tieni lok, **tilqa'** l-appell tal-atturi Wright u b'hekk fuq is-saħħa tar-rapport tal-Perit Tekniku qiegħda tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għall-ħsarat li ġraw fil-fond numru 44, fi Triq Isouard ġewwa San Pawl il-Baħar, li jinsab mikri lilhom, u tillikwida l-ammont ta' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700) (inkluż il-VAT) bħala spiża għat-tiswija tal-post, bl-imgħax fuq din is-somma jitlaq mid-data ta' din is-sentenza sal-ħlas effettiv. Il-konvenuti Farrugia għandhom iġorru 70% ta' din l-ispiża, filwaqt li l-konvenuti Mifsud għandhom iġorru 30%.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tordna li kull parti għandha tbati terz tal-ispejjeż kemm għal dawk relatati mal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll dawk ta' quddiem din il-Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti | Christian Falzon Scerri | Josette Demicoli |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss